# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 10**

**Rikors Numru 870/06 SM**

**Radian Grech**

**v.**

**Ritianne Abela**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-attur Radian Grech mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2012 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tilqa' l-aggravji interposti minnu, tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tiegħu fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata.

“Il-Qorti,

“Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat it-28 ta’ Settembru, 2006, li permezz tieghu r-rikorrenti Grech sintetikament iddikjara s-segwenti:

“1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni sentimentali bejniethom;

“2. Illi fil-5 t’Awwisu, 2002 huma akkwistaw fond fi Triq Anglu Mangion, Hal Tarxien, permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon;

“3. Illi fl-2006 bieghu dan l-istess fond lil terzi u r-rikavat inqasam bejniethom b’mod ugwali;

“4. Illi fil-perjodu bejn l-2002 u l-2006 ir-rikorrenti jallega li hallas is-somma minnu ndikata fl-istess rikors promotur tieghu, f’xoghol u materjal mixtri ghall-uzu fl-istess fond u allura, jsostni li l-intimata hi debitrici lejh ghal nofs dan l-ammont;

“5. Illi l-intimata qed tirrifjuta li thallas dan l-ammont;

“Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed jitlob lil din il-qorti biex:

“1. Tiddikjara lill-intimata Abela debitrici versu r-rikorrenti Grech;

“2. Tiddikjara li l-intimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta’ sitt elef, seba’ mija u tnax –il Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu, (LM6,712.78);

“3. Bl-ispejjez kontra l-intimata;

“Rat ir-risposta guramentata tal-intimata Abela datata s-27 ta’ Frar, 2007, li permezz taghha sintetikament bil-gurament taghha esponiet is-segwenti:

“1. Illi l-procedura de quo hi nulla stante li r-rikorrenti ttanta l-procedura odjerna b’“rikors” meta hu stabbilit li hemm bzonn ta’ “rikors guramentat”;

“2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti accetta li r-rikavat rizultanti mill-kuntratt ta’ qsim bejn il-partijiet wara l-bejgh tal-fond de quo kellu jinqasam b’mod ugwali bejniethom u ghalhekk, m’ghandu l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-intimata;

“3. Illi finalment it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda wkoll stante li l-ispejjez li saru fil-fond de quo dejjem saru bejn iz-zewg kontendenti u mhux mir-rikorrenti wahdu;

“Rat id-dokumenti esebiti nkluzi l-affidavitijiet ipprezentati:

"Rat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

"Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-11 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu hatret l-assistent gudizzjarju hemm indikat;

"Rat in-nota tar-rikorrenti Grech datata t-2 ta' Dicembru, 2010, li permezz taghha rriduca t-talba ghal tlettax –il elf, tlett mija u hamsa u sebghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu, (€13,375.71), (ara fol 177);

"Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali datata t-30 ta' Dicembru, 2011, li permezz taghha annetta l-inkartament li kien fil-pussess tal-assistent gudizzjarju fuq riferit;

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, rispettivament datati l-31 ta' Jannar, 2012, u d-29 ta' Marzu, tal-istess sena, (ara fol 200 et sequitur u 205 et sequitur);

"Semghet it-trattazzjoni orali tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

"Ikkunsidrat:

"Illi ghandu sintetikament jinghad primarjament is-segwenti:

"1. Illi l-kontendenti kienu f'relazzjoni sentimentali li fil-kors normali tal-izvolgiment tal-istess huma xtraw il-fond minnhom indikat f'Hal-Tarxien, li sussegwentement iddisponew minnu wara li tali relazzjoni kienet giet interrotta;

"2. Illi bhala konkluzjoni naturali tal-istess bejgh fuq indikat il-partijiet qabblu li jaqsmu ugwalment bejniethom ir-rikavat ta' tali bejgh;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-kawza odjerna hi pero` naxxenti mill-fatt li r-rikorrenti Grech jallega li ghamel diversi spejjez fl-istess fond li pero` ma ttiehdux in konsiderazzjoni mill-partijiet kontendenti meta dawn bieghu l-fond fuq indikat u li ghalhekk, permezz tal-procedura odjerna qieghed jirrikjama nofs dawn l-ispejjez fuq riferiti a tenur tan-nota tieghu a fol 177, liema ammont l-intimata qed tirrifjuta li tirrisarcixxi;

"Ikkunsidrat:

"Illi minn analizi tax-xhieda tar-rikorenti, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

“1. Illi l-fond de quo li l-kontendenti kienu xtraw flimkien kien wiehed ‘gebel u saqaf’;

“2. Illi kienu ftiehmu ghalhekk li l-benefikati kollha li kienu ser jaghmlu fih u l-affarijiet li kienu ser jixtru ghall-istess post kienu ser jinqasmu ugwalment bejniethom;

“3. Illi meta r-relazzjoni ta’ bejniethom ezawriet ruhha, bieghu l-istess fond;

“4. Illi r-rikorrenti Grech jallega li l-intimata Abela naqset li tirrifondieh ta’ sehemha fl-istess benefikati minnu mixtrija;

“5. Illi dan l-ammont pretiz mir-rikorrenti kien indipendenti mill-ammont rikavat ghall-bejgh tal-fond de quo;

“6. Illi r-rikorrenti pprezenta lista dettaljata tal-flejjes minnu mahruga f’dan ir-rigward kif ukoll rendikont bankarju tal-pagamenti relattivi mensili li beda jhallas lill-bank minhabba f’hekk;

“7. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti f’dan ir-rigward hi wkoll konsolidata u konfortata mill-haddiema u bejjiegha nvoluti;

“8. Illi stante li l-intimata ghadha tirrifjuta li thallas sehemha, ir-rikorrenti kien kostrett jintavola l-procedura odjerna;

“Ikkunsidrat:

“Illi minn analizi tax-xhieda tal-intimata jirizulta sintetikament is-segwenti:

“1. Illi meta sar il-bejgh tal-fond in dizamina mill-kontendenti, l-intimata tallega li r-rikorrenti kien ta l-kwittanza lill-intimata u rrinunzja ghall-pretensjonijiet tieghu kollha fir-rigward;

“2. Illi permezz ta’ digriet datat it-2 ta’ Frar, 2006, il-Qorti tal-Familja awtorizzat lill-istess kontendenti biex jirregolaw fost affarijiet ohra, l-bejgh tal-fond de quo;

“3. Illi l-intimata tallega li fl-atti tal-medjazzjoni l-partijiet ftiehmu li jinbiegh il-fond de quo bil-mobbli b’kollox; jithallas id-dejn tal-Bank, ir-rikorrenti odjern jithallas tar-reklamar u tal-pagamenti tal-bank mid-data li fiha spiccat ir-relazzjoni de quo u finalment, li jinqasam il-bilanc rimanenti;

“4. Illi l-ispejjez reklamati mir-rikorrenti saru kollha bejniethom fis-sens li l-intimata dejjem hallset in-nofs taghha;

“5. Illi l-intimata titfa’ dell ikrah fuq il-kredibilita` tar-rikorrenti stante li tallega li dan kien ukoll ipprova jqarraq bin-nutar, (ara fol 210);

"6. Illi ghaldaqstant qed tirrifjuta li thallas l-ammont pretiz mir-rikorrenti; Ikkunsidrat:

"Illi rigward l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata ghandu jinghad li din hi eccezzjoni superfluwa li ma timmeritax l-avall ta' din il-qorti, stante li jirrizulta abbundantement assodat li l-"gurament" rikjamat, effettivament ittiehed biex b'hekk ir-rikors promotur hu wiehed skont il-ligi;

"Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimata qed tigi respinta, bl-ispejjez kontra l-intimata;

"Ikkunsidrat:

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu veru u proprju tal-vertenza in dizamina, l-kwistjoni kollha tippernja ruhha fuq il-kredibilita` tal-kontendenti, haga li din il-qorti ssib li hu verament difficli li tiddetermina stante li l-qorti kif prezentement preseduta ma semghet lill-ebda wiehed mill-kontendenti jew xhud minnhom prodott;

"Illi ghalkemm jirrizulta li r-rikorrenti jallega li kien hu li hallas lill-haddiema u lill-fornituri nvoluti, dan fih innifsu mhux konklussiv stante li jirrizulta komuni li jkun wiehed biss mill-partijiet, generalment fir-realta` lokali, ir-ragel, li jiehu f'idejh dawn il-mansjonijiet, ghalkemm il-pagamenti jkunu kongunti;

"Illi ghalhekk f'dan ir-rigward din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi stante anke li oggettivament ix-xhieda u d-dokumenti esebiti jindikaw li l-intimata wkoll ikkontribwiet is-sehem taghha biex jithallsu l-benefikati in dizamina;

"Ghaldaqstant, in vista tal-premess, takkolji r-risposti tal-intimata u konsegwentement tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

"Illi pero`, minhabba n-natura delikata tal-vertenza u minhabba t-tul ezagerat li l-vertenza hadet biex tigi konkluza, l-ispejjez jinqasmu bejn il-partijiet."

<u>**Rikors tal-appell tal-attur Radian Grech (19.10.2012):**</u>

**2.** L-attur appellant Radian Grech ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti.

*L-ewwel aggravju: il-fehma soġġettiva tal-ewwel Qorti*

**3.** Fl-ewwel lok l-attur appellant jirreferi għall-kumment tal-ewwel Qorti fejn qalet hekk:

> *"Illi għalkemm jirriżulta li r-rikorrenti jallega li kien hu li ħallas lill-ħaddiema u lill-fornituri nvoluti, dan fih innifsu mhux konklussiv stante li jirriżulta li komuni li wieħed biss mill-partijiet, ġeneralment fir-realta` lokali, r-raġel, jieħu f' idejh dawn il-mansjonijiet, għalkemm il-pagamenti jkunu konġunti."*

**4.** Jilmenta li l-ewwel Qorti għażlet li tħalli ruħha tiġi influenzata mill-fehma soġġettiva tagħha dwar x'jiġri normalment bejn koppja li tkun qed tagħmel benefikati f'post mixtri bejn tnejn, liema fehma oskurat dak li kellu jiġi oġġettivament konsidrat. Huwa jsostni l-istqarrija tiegħu kienet waħda ċara, u dan fis-sens li għalkemm iż-żewġ partijiet kienu qed jipparteċipaw ugwalment fid-deċiżjonijiet dwar x'tip ta' benefikati kellhom isiru fil-post tagħhom, kien hu biss li finalment ħallas għalihom. Jgħid illi kieku l-ewwel Qorti ibbażat il-konklużjonijiet tagħha unikament fuq dak li rriżulta oġġettivament mill-provi, kienet tasal għall-konklużjoni li kien tassew hu li ħallas għall-benefikati in kwistjoni.

*It-tieni aggravju: id-deċiżjoni kontradittorja tal-ewwel Qorti*

**5.** Fit-tieni lok l-attur jargumenta li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija kontradittorja in kwantu ċaħdet t-talbiet tiegħu minkejja li l-istess Qorti

għarfet il-fatt li huwa kien ippreżenta xi provi li assodaw l-allegazzjonijiet tiegħu li kien tassew hu waħdu li ħallas għall-ispejjeż li tagħhom qed jitlob nofs mill-konvenuta appellata. Huwa jagħmel referenza għall-osservazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tax-xiehda tiegħu, u senjatament għal paragrafi 6 u 7 fejn jingħad:

> *"6. Illi r-rikorrent ippreżenta lista dettaljata tal-flejjes minnu maħruġa f'dan ir-rigward kif ukoll rendikont bankarju tal-pagamenti relattivi mensili li beda jħallas lill-bank minħabba f'hekk;*
>
> *7. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward hi ukoll konsolidata u konfortata mill-ħaddiema u bejjiegħa involuti;"*

**6.** Jilmenta li imbagħad fl-aħħar paġna tas-sentenza tagħha, l-ewwel Qorti irriteniet li ma rnexxilux jipprova l-każ tiegħu stante li jirriżulta li l-konvenuta ukoll ikkontribwiet is-sehem tagħha biex jitħallsu l-benefikati.

**7.** Huwa jargumenta li din hija kontradizzjoni lampanti għaliex huwa illoġiku li l-ewwel tirrikonoxxi li huwa kien ressaq il-provi li jikkonfermaw li kien hu waħdu li għamel il-ħlasijiet kollha, imbagħad l-istess Qorti tgħid li ma ppruvax il-każ tiegħu.

*It-tielet aggravju: l-ewwel Qorti kellha tqis il-provi mressqa minnu b' mod iktar dettaljat biex tasal għall-konklużjoni li għandu jitħallas €13,375.71 mingħand il-konvenuta*

**8.** Fit-tielet lok l-attur appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti naqset li

tagħmel analiżi kompleta tal-provi mressqa minnu, għaliex li kieku għamlet evalwazzjoni tagħhom fl-intier, aktar u aktar ma kinitx tasal għall-konklużjoni li huwa naqas milli jipprova l-każ tiegħu, u ċertament mhux b'mod li tiċħad b'mod komplet it-talbiet tiegħu.

**9.** Huwa jsostni li l-provi prodotti minnu kif korroborati u konfermati għandhom "*iwasslu għaċ-ċertezza totali*" li huwa għandu jitħallas mingħand il-konvenuta €5167.94 fir-rigward tal-ispejjeż relatati mat-tlestija tal-post, u €4543.80 fir-rigward tal-pagamenti tal-bank li huwa ħallas minflokha. Wieħed josserva li dawn jammontaw għal €9,711.74, iżda s-somma komplessiva mitluba minnu hija ta' €13,375.71. Huwa jsostni li fir-rigward tal-kumplament tas-somma komplessiva ta' €13,375.71 (u cioe` €3663.97) għandu jirriżulta ċar li huwa ppreżenta riċevuti li jikkonfermaw li l-ħlas sar minnu tant li l-istess riċevuti jsejħu lilu u fil-fatt kienu u baqgħu fil-pussess tiegħu. Jaċċenna wkoll għall-fatt li l-konvenuta naqset li tirribatti dak spjegat u mitlub minnu, u li hija finanzjarjament qatt ma setgħet kienet f'pożizzjoni li tlaħħaq mal-ispejjeż ta' kuljum tal-ħajja filwaqt li tħallas paġamenti għall-ispejjeż tal-post, u dan kemm għaliex ftit xhur wara li nxtara l-post hija waqfet taħdem, kif ukoll għaliex mill-*istatements* tal-kont bankarju tagħha jirriżulta ċar li din qajla kellha bizzejjed flus ħlief biex litteralment tlaħħaq mal-ispejjeż ordinarji tal-ħajja ta' kuljum.

**10.** Fir-rigward tal-ispejjeż tal-benefikati l-attur appellant jikkummenta illi l-konvenuta appellata "*ser prevedibilment tagħmel referenza għall-proċeduri ta' medjazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet*" fejn saret referenza għall-proprjeta` li fiha saru l-benefikati. Huwa jgħid li l-atti tal-medjazzjoni m'għandhom jippreġudikaw bl-ebda mod il-pretenzjonijiet tiegħu għall-ispejjeż stante li tali atti ma jekwivalux għal kwittanza jew rinunzja tad-drittijiet tigħu li jfittiex lill-konvenuta appellata għal nofs l-ispejjeż tal-benefikati ġewwa l-post. Jissottometti illi fl-ewwel lok il-proċeduri ta' medjazzjoni kienu inbdew minnu unikament biex jiġu regolati kwistjonijiet riferibbli għal kwistjonijet ta' kura, kustodja u aċċess ta' bintu minuri u qatt ma kienu jinkludu talba formali biex tiġi diskussa l-kwistjoni riferibbli għall-proprjeta`, li sa dak iż-żmien kienet għadha fuq isem iż-żewġ kontendenti. Fit-tieni lok jgħid illi fil-proċeduri tal-medjazzjoni huma qatt ma ddiskutew il-kwistjoni dwar is-sehem rispettiv tal-partijiet għall-ħlas tal-ispejjeż għall-benefikati li saru fil-post, iżda sempliċiment dwar il-bejgħ tal-fond. Jenfasizza illi l-abbozz ta' ftehim li sar kien jindika biss kif il-partijiet kellhom jaqsmu r-rikavat mill-bejgħ tal-fond u l-mobbli ta' ġewwa fih, iżda "*bl-ebda mod ma kien jinkludi ftehim dwar kif l-esponent kien ser jitħallas ta' sehmu għall-benefikati li kienu saru fih biex il-post jiġi finished, u wisq anqas ma kien hemm rinunzja espressa minnu sabiex jitħallas is-sehem tiegħu mingħand l-intimata għal tali benefikati".*

**Risposta tal-appell tal-konvenuta appellata (13.11.2012)**

**11.** Il-konvenuta appellata wieġbet biex tgħid li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma.

**12.** *Fir-rigward tal-ewwel aggravju* hija ssostni li mill-affidavit tagħha jirriżulta li l-ispejjeż kollha li kienu qed isiru saru bejn il-kontendenti flimkien. Tirriferi speċifikatament għal dik il-parti fejn xehdet li l-pagamenti mensili ta' Lm150 fir-rigward tas-self li kienu ħadu mill-HSBC kienu jħallsuhom it-tnejn flimkien u spjegat kif kienu fetħu savings account f'isimhom it-tnejn u kienu jiddepożitaw fih Lm75 kull wieħed sabiex il-bank jitħallas minn hemm. Tirreferi wkoll għall-i*statement* tal-kont tagħha li kienet esebiet sabiex turi l-flus li kienet żbankat biex tħallas għall-ispejjeż tal-kamra tal-banju.

**13.** *Fir-rigward tat-tieni aggravju* ssostni li ma hemm l-ebda kontradizzjoni bejn l-osservazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tax-xiehda tal-attur appellant fil-paragrafi 6 u 7 ġia fuq ċitati[1] u l-konkużjoni tagħha. Tispjega li dak li kienet qed tagħmel l-ewwel Qorti f'dak l-istadju kien riassunt tal-provi tal-attur appellant u kienet għadha ma waslitx għall-konklużjoni finali tagħha. Taċċenna għall-fatt illi immedjatament wara li l-ewwel Qorti kienet għamlet l-osservazzjonijiet

[1] Paragrafu 5 *supra*

tagħha fir-rigward tal-provi tal-attur appellant, għaddiet biex tagħmel l-osservazzjonijiet fir-rigward tal-provi tagħha (il-konvenuta appellata). Tenfasizza illi kien imbagħad wara li kkunsidrat ukoll il-provi tagħha, li l-ewwel Qorti għaddiet biex tiddeċiedi dwar il-vertenza.

**14.** *Fir-rigward tat-tielet aggravju* l-konvenuta appellata tirrileva li minkejja li l-attur appellant għamel eżami tax-xiehda biex jindika li l-ħaddiema li xehdu kien hu li ħallashom, naqas milli juri illi uħud mix-xhieda tiegħu stess qalu li kienu jew tħallsu mill-kontendenti flimkien, jew inkella ġew inkarigati minnhom it-tnejn flimkien. F'dan ir-rigward hija taċċenna għax-xiehda ta' Charles Piscopo.

**15.** Fir-rigward tal-kumment tal-attur appellant dwar il-medjazzjoni, hija tgħid illi għalkemm huwa minnu li l-medjazzjoni kienet titratta biss dwar il-manteniment u aċċess tal-minuri li huma għandhom bejniethom, pero` ladarba huma għażlu liberament li jiddeċiedu wkoll dwar x'għandu jseħħ meta tinbiegħ id-dar li kellhom in komun, u din id-deċiżjoni tniżżlet bil-miktub fi skrittura, dan il-ftehim għandu forza ta' kuntratt u għalhekk l-attur appellant ma jistax issa jargumenta li din ir-rabta kuntrattwali ma tgħoddx.

**16.** Iżżid tgħid illi meta hi u l-attur appellant iffirmaw il-kuntratt ta' trasferiment tal-fond lil terzi fl-atti tan-Nutar Bisazza, huma kienu taw

kwittanza assoluta lil xulxin u l-kwistjoni kienet ingħalqet hemm. Taċenna għall-fatt li n-Nutar Bisazza kien xehed li meta sar il-bejgħ, huwa kien għamel kalkolu qabel ma qasam ir-rikavat u huma kienu infurmawh dak il-ħin dwar kemm l-attur appellant kien ħallas lura mis-self mal-bank iktar minnha. Issostni li dak il-ħin huma quddiem in-nutar kienu qablu dwar kemm kien ħareġ l-attur appellant bħala pagamenti tas-self minn Ottubru 2005 sa dakinhar, u spejjeż ta' aġenziji, u tan-nutar, qabel ma nqasam ir-rikavat bejn il-partijiet, bl-attur jieħu somma ulterjuri rappreżentanti dawn l-imsemmija ħlasijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

*L-ewwel aggravju*

**17.** L-ewwel aggravju tal-attur appellant jirrigwarda l-kumment tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-allegazzjoni tiegħu li kien hu li ħallas lill-ħaddiema u l-fornituri għall-ispejjeż tat-tlestija tal-post li tiegħu kien proprjetarju flimkien mal-konvenuta. Il-Qorti f'dan ir-rigward kienet ikkummentat illi fir-realta` maltija huwa komuni li minkejja li jkun ir-raġel li jieħu f'idejh il-ħlasijiet relatati ma tali tip ta' spejjeż, il-pagamenti fil-fatt ikunu saru konġuntivament minnu u mill-mara.

**18.** L-attur appellant ħassu aggravat b'dan il-kumment u jilmenta li l-

ewwel Qorti ħalliet "*il-fehma soġġettiva tagħha*" tinfluenzaha fid-deċiżjoni tagħha. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti dak li l-ewwel Qorti kienet qed tipprova tgħid hu illi sempliċiment għaliex il-pagamenti jkunu qegħdin isiru minn persuna waħda, dan ma jsegwix neċessarjament illi l-flus ikunu inħarġu interament minn tali persuna u li l-persuna l-oħra ma tkun ħarġet xejn da parti tagħha. Inoltre hija enfasizzat il-punt illi ma kinitx għal din ir-raġuni biss li kienet qegħda tqis li l-attur appellant ma ppruvax il-każ tiegħu skont il-liġi, u dan stante li rriżultalha li anke "*oġġettivament ix-xhieda u d-dokumenti esebiti jindikaw li l-intimata wkoll ikkontribwiet is-sehem tagħha biex jitħallsu l-benefikati in diżamina*".

**19.** Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-attur appellant huwa infondat.

*It-tieni aggravju*

**20.** Fit-tieni aggravju tiegħu l-attur appellant jirreferi għall-osservazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-provi mressqa minnu, (senjatament għall-osservazzjonijiet tagħha f'paragrafu 6 u 7) u jsostni li huwa kontradittorju li l-ewwel Qorti irrikonoxxiet li huwa kien ressaq il-provi li jikkonfermaw li huwa kien għamel il-ħlasijiet waħdu, biex imbagħad ikkonkludiet li huwa ma nrexxilux jipprova l-każ tiegħu.

**21.** Pero` fil-paragrafu 6 l-ewwel Qorti kienet sempliċiment qegħda tagħmel referenza għal-lista li ppreżenta l-attur appellant rigwardanti l-ispejjeż allegatament maħruġa minnu. Din il-lista li ssemmi l-ewwel Qorti (li jidher li hija dik immarkata Dok RG4[2]) hija fil-fatt *breakdown* tal-ammont ta' Lm13,425.55 li fir-raba' (4) paragrafu tar-rikors promutur tiegħu iddikjara li kienet is-somma li ħallas fir-rigward tal-benefikati li saru fid-dar (u li minnhom kien qed jitlob in-nofs – Lm6,712.78) mingħand il-konvenuta appellanti. (Tali spejjeż jirrigwardaw mhux biss il-benefikati li saru fid-dar iżda wkoll il-pagamenti mensili li allegatament għamel lill-bank mit-2 ta' April 2003 sad-29 ta' Settembru 2005.)

**22.** Huwa minnu li fil-paragrafu 7 l-ewwel Qorti osservat li fir-rigward tal-benefikati kien hemm ħaddiema u bejjiegħa li kkonfermaw li fil-fatt għamel ħlasijiet. Jiġi aċċennat pero` li l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma kienet qegħda tikkonkludi li l-flejjes li għadda lill-ħaddiemha kien effettivament ħariġhom kollha hu. Kif sostniet il-konvenuta appellata fir-risposta tal-appell tagħha, l-ewwel Qorti f'dak l-istadju kienet għadha qegħda tqis il-provi tal-attur appellant, u fil-fatt wara li għamlet hekk għaddiet minnufih biex tqis il-provi tagħha (tal-konvenuta appellata). Kien wara li qieset il-provi taż-żewġ kontendenti li imbagħad għaddiet biex tagħmel il-konkużjonijiet tagħha.

[2] Dok RG4, fol 35-36

**23.** Għaldaqstant ma kien hemm xejn kontradittorju kif isostni l-attur appellant, u konsegwentement dan it-tieni aggravju huwa wkoll infondat.

*It-tielet aggravju*

**24.** Fit-tielet aggravju tiegħu l-attur appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel *"evalwazzjoni kompleta"* tal-provi mressqa minnu u jħossu persważ illi kieku fil-fatt għamlet tali evalwazzjoni fl-intier, ma kinitx tasal għall-konklużjoni li huwa ma ppruvax il-każ tiegħu.

**25.** Huwa hawnhekk jibda' biex ifakkar illi minkejja li bħala regola din il-Qorti tal-Appell bħala Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li tkun għamlet, jinsab assodat fil-ġurisprudenza nostrana illi hemm każijiet fejn tali disturb huwa permissibbli jekk ikun hemm raġunijiet gravi li jimmeritaw dan l-eżerċizzju.

**26.** Huwa ovvjament jippretendi li fil-każ odjern fil-fatt jeżistu tali raġunijiet gravi li jimmeritaw tali disturb. Din il-Qorti għalhekk fliet u eżaminat bir-reqqa l-provi prodotti sabiex tara jekk dan hux il-każ.

**27.** Hija tosserva fl-ewwel lok illi fir-rikors promutur tiegħu l-attur

appellant iddikjara bil-ġurament tiegħu illi bejn l-2002 u 2006 ħallas is-somma ta' Lm13,425.55 (€31,281.53) fir-rigward tal-benefikati li saru fid-dar (u li l-konvenuta hija debitriċi lejh għal nofs tali somma u cioe` Lm6,712.78 (€15,640.77)). Kif diġa ġie spjegat *supra* (fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tat-tieni aggravju), huwa esebixxa lista (Dok RG4) biex juri kif wasal għal tali ammont. Fit-2 ta' Diċembru 2010 pero`, huwa ppreżenta nota[3] fejn spjega li s-somma totali mħallsa minnu effettivament kienet ta' Lm11,484.41 (€26,751.43) u mhux ta' Lm13,425.55 u għalhekk jiġi li s-somma li qed jippretendi mingħand il-konvenuta appellata ġiet ridotta għal Lm5,742.20 (€13,375.71).

**28.** F'dan it-tielet aggravju tiegħu jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex kellu jirriżulta lill-Qorti li l-konvenuta appellata hija debitriċi tiegħu f'dan l-ammont ta' €13,375.71. Huwa jaqsam dan l-ammont fi tlett (3) partijiet:

(1) €5,167.94 (ħlas ta' benefikati),
(2) €4,543.80 (pagamenti lill-bank rigward il-*home loan*) u
(3) il-"*kumplament" - cioe`€3,663.97* (ħlas ta' benefikati)

Din il-Qorti sejra tibda biex tikkunsidra dawk l-ammonti li jirrigwardaw il-benefikati (1) u (3) imbagħad tgħaddi biex tikkunsidra s-somma l-oħra (2) li tirrigwarda l-paġamenti li saru lill-bank.

---
[3] Fol 177

*(1) L-ammont ta' €5,167.94 (nofs €10,335.88)*

**29.** L-attur appellant jaċċenna għax-xiehda ta' Rachel Gilford, Anthony Briffa, Joe Xuereb, Simon Gaffarena, Manuel Calleja u jgħid li dawn jikkonfermaw illi l-flejjes li ħareġ fir-rigward tad-depożitu għall-kċina, xogħlijiet ordnati mingħand il-Bathmarket, ħlas għal madum ordnat u mixtri, xogħol ta' dawl, u xogħol ta' bibien u twieqi rispettivament, li flimkien jammontaw għal €10,335.88, ħariġhom waħdu hu. Għalhekk jimenta illi nofs dan l-ammont (€5,167.94) ċertament li kellu jiġi dikjarat mill-ewwel Qorti bħala dovut mill-konvenuta appellata.

**30.** Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Il-fatt li dawn in-nies jgħidu li tħallsu mingħand l-attur (jew fir-rigward tad-depożitu tal-kċina, mingħand missieru għan-nom tiegħu[4]) għax-xogħlijiet/materjal mixtrija mingħandhom, bl-ebda mod ma jfisser li l-ammont ta' €10,335.88 ħarġu kollha minn but l-attur appellant u li l-konvenuta appellata ma kkontribwiet xejn. Dawn ix-xhieda ma kinux qegħdin fil-but ta' din il-koppja, u għalhekk bl-ebda mod ma jistgħu jikkonfermaw minn fejn effettivament ġew il-flus.

*(3) il-"kumplament" – u cioe` l-ammont ta' €3,663.97 (nofs €7,327.94)*

[4] Omm u missier l-attur appellant fl-affidavits rispettivi tagħhom (Dok RG2 u RG3 fol 32-34) qalu li huma kienu selfu lill-kontendenti l-flus tad-deposit fuq il-kċina

**31.** Skont l-attur appellant l-ammont ta' €7,327.94 jirrappreżenta wkoll ħlasijiet li għamel hu biss fir-rigward tal-benefikati, u f'dan ir-rigward jaċċenna għar-riċevuti "*li jikkonfermaw li l-ħlas sar minnu tant li r-riċevuti jsejħu lilu u fil-fatt kienu u baqgħu fil-pussess tiegħu*."

**32.** Iżda hawnhekk ukoll, din il-Qorti ma taqbilx li għaliex jidher isem l-attur fuq ir-riċevuti allura jfisser li l-ammonti indikati fuq l-istess riċevuti ħallas għalihom hu biss u li għalihom il-konvenuta appellata ma kkontribwiet xejn.

**33.** Din il-Qorti assolutament mhix konvinta li fir-rigward tal-benefikati li saru fid-dar l-attur appellant ħareġ minn butu l-imsemmija ammonti ta' €10,335.88 u €7,327.94 – total ta' €17,663.82 - u li allura l-konvenuta appellata għandha tagħtih nofshom – u cioe` €8,831.91. Dan qed jingħad mhux biss għaliex ix-xhieda li qalu li tħallsu mingħand l-attur appellant, u r-riċevuti li juru ismu biss, ma jikkostitwixxux prova konklussiva li l-flejjes effettivament ħarġu minn butu, iżda wkoll għaliex:

(i) il-verżjoni tal-attur appellant hija kombattuta/newtralizzata bil-provi tal-konvenuta appellata, u

(ii) *inoltre* għaliex din il-Qorti għandha r-riservi tagħha fuq il-kredibilita` tal-attur appellant.

**34.** Fir-rigward tal-benefikati li saru bejn l-2002 u l-2006 fil-post dak iż-żmien proprjeta` tal-kontendenti, il-konvenuta appellata da parti tagħha ssostni li *"…l-ispejjeż (fid-dar) saru kollha bejnietna fis-sens illi jien dejjem ħallast in-nofs tiegħi*." Qalet li ġieli kienet tiġbed il-flus mill-bank u tagħtihom lill-attur appellant. Fir-rigward tal-kamra tal-banju anzi qalet li l-ispejjeż kollha kienet ħallsithom hi. Esebiet żewġ dokumenti: Dok RA1[5] li juri lista tal-ispejjeż fl-ammont ta' Lm4,077 (€9,499.41) li skont l-istess konvenuta appellata ħarġet hi għall-benefikati, u Dok RA2[6] biex turi l-pagamenti li kienet ġibdet mill-kont kurrenti tagħha fir-rigward. Spjegat ukoll illi għalkemm meta ħarġet tqila kienet waqfet taħdem, kellha xi somma mfaddla u għalhekk setgħet ukoll tħallas minn dak li kienet faddlet. Qalet ukoll li missierha kien taha Lm800 biex jgħinha u dawn kienu kollha marru biex jitħallas ix-xogħol tal-*gypsum*[7]. Fir-rigward tal-kċina issostni li "*Id-deposit kien rigal mingħand ommu".*

**35.** Din il-Qorti hija tal-fehma li kif issottomettiet il-konvenuta appellata fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha tad-29 ta' Marzu 2012, ix-xiehda li ta l-attur għandha tittieħed b'ċertu kawtela. Dan qed jingħad b'referenza għall-episodju fejn ipprova jqarraq bin-nutar meta kien qed jakkorda biex tinbiegħ id-dar tiegħu u tal-konvenuta wara li sfaxxat ir-relazzjoni tagħhom. Fil-fatt meta sar il-konvenju ma' terzi, l-attur appellant kien

[5] Fol 115
[6] Fol 116-122
[7] Fir-risposta tal-appell tagħha taċċenna għax-xhieda ta' Charles Piscopo li kien dak li għamel ix-xogħol tal-*gypsum* fejn qal li kienu t-tnejn li huma flimkien li marru jħallsuh

ippreżenta ruħu quddiem in-Nutar Victor Bisazza bħala l-uniku proprjetarju u fil-fatt kien hu biss li ffirma l-konvenju. Kien imbagħad sussegwentement, meta n-nutar kien qed jagħmel ir-riċerki, li skopra li d-dar kienet tiegħu u tal-konvenuta appellata flimkien u kien fil-fatt bagħat għalih u qallu biex iġibha ħalli tiffirma l-konvenju hi ukoll. In Nutar xehed:

> *"U jiena bgħatt għalih, għidtlu ħa ngħidlek, inti lili qatt m'għidtli li kien mixtri dan minn tnejn min-nies. Għidtlu, x' jiġifieri taqbad u tiffirma konvenju int waħdek u għidtlu ma tgħajjatx il-parti l-oħra? Qalli, dik kienet l-ex għarusa tiegħi….għidtu jiena qed navżak, għidtlu dan irid jiġi ratifikat…"*[8]

*(2) L-ammont ta' €4,543.80*

Issa apparti l-ispejjeż tal-benefikati, l-attur appellant isostni li huwa ħallas ukoll €4,543.80 rappreżentanti pagamenti li għamel lill-bank minflok il-konvenuta appellata. Din il-Qorti pero` tagħmel riferenza għar-rikors promutur u tosserva li l-premessi u t-talbiet tal-attur appellant jirreferu biss għal dak l-ammont li qed jippretendi mingħand il-konvenuta appellata bħala s-sehem tagħha mis-somma li ħallas hu "*rappreżentanti <u>xogħol u materjal mixtri għad-dar</u> hawn fuq imsemmija u dan għall-perjodu bejn is-sena 2002 sas-sena 2006."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kwistjoni dwar pagamenti li huwa allegatament għamel lill-bank rigward il-*home loan* minflok il-konvenuta appellata hija irrilevanti għal din il-vertenza u għalhekk din il-Qorti mhix ser tqisha.

[8] Xiehda tan-Nutar V Bisazza tal-20.05.2009, fol 141 et seq

**36.** It-tielet aggravju tal-attur appellant għalhekk jirriżulta infondat fl-intier tiegħu.

**<u>Decide:</u>**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell interpost mill-attur u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df